**121. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Nru 419 tat-23 ta' Lulju 1980, il-Kamra tad-Deputati approvat it-trasferiment ta' sit f'Saint Andrews lil Medisle Holidays Company Limited;

U billi l-istess Kumpanija talbet li testendi l-perjodu tal-kirja għal sittax-il sena oħra mid-data tal-iskadenza tal-kirja oriġinali;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas- sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amminstrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasfriment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kirja fuq imsemmija tiġi modifikata kif jirriżulta mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

17.11.1983